**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 1258/2013**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs.**

**Joseph Muscat**

Illum id-9 ta' Dicembru 2020

Il Qorti:

Rat li tressaq Joseph Muscat ta' 55 sena, iben Emanuel u Teresa nee' Parnis imwieled l-Australja fit-18/8/58 detentur ta' karta ta' l-identita numru 0331281M u resident numru 17, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex.

1) Talli nhar l-24 ta' Dicembru 2013 ghal habta ta' 17.00hrs gewwa Haz-Zebbug (Malta), minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Victor Refalo f'periklu car, ikkagunajtlu griehi ta' natura gravi rizultanti fil-mewt tal-istess Victor Refalo, b'dana illi l-mewt grat minhabba xi kawza accidentali li nqalghet wara u mhux biss minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offizi.

2) Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Victor Refalo f'periklu car, ikkagunajtlu griehi ta' natura gravi.

3) Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi ksirt il-paci publika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-26 ta' Dicembru 2013, fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2014 u fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2017 wara li gew awtorizzati korrezzjonijiet fl-imputazzjonijiet, ai termini ta' l-

artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2017 u fid-9 ta' Dicembru il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti.[3]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar it-22 ta' Jannar 2018 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[4]:

a. Fl-artikoli 214, 218(1)(a) u 220(1)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214 u 218(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta datata 8 ta' Novembru 2018, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputati separatament jekk kellux

[1] Folio 15, 27 u 400 ta' l-atti processwali
[2] Folio 431-433 ta' l-atti processwali
[3] Folio 399 u  ta' l-atti processwali
[4] Folio 404 ta' l-atti processwali

oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[5]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-8 ta' Novembru 2018.[6]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-31 ta' Lulju 2020.[7]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tal-31 ta' Lulju 2020.[8]

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

[5] Folio 411 ta' l-atti processwali
[6] Folio 411 ta' l-atti processwali
[7] Folio 440 ta' l-atti processwali
[8] Folio 458-465 ta' l-atti processwali

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar il-24 ta' Dicembru 2013 meta kien allegatament inqala argument bejn l-imputat u certu Victor Refalo. Iz-zewg persuni kienu haddiema ma l-istess kumpanija u attendew festin tal-Milied. Peress li Refalo kien daqsxejn xurban talab lill-imputat iwasslu sad-dar. L-imputat accetta li jwasslu sal-pjazza ta' Haz-Zebbug u jhallieh hemm. Meta waslu inqala argument ghaliex Refalo ried li l-imputat iwasslu sad-dar. Peress li Refalo ma riedx jinzel mill-karozza u beda jaghti lill-imputat, l-imputat imbuttah 'il barra bil-konsegwenza li Refalo waqa' u habat rasu ma' l-art.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2014 xehed **Dr Ryan Camilleri**, addett fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei. Huwa kkonferma li fl-24 ta' Dicembru 2013 huwa hareg zewg certifikati, wiehed f'isem Victor Refalo u l-iehor f'isem Joseph Muscat li kienu ddahhlu l-isptar. Fir-rigward ta' Victor Refalo, ix-xhud stqarr li dan kien jidher fi stat ta' konfuzjoni u ghalhekk kien sarlu *CT scan* ta' rasu. Kien hemm biss qasma vizibbli hdejn ghajnejh fuq in-naha tax-xellug però x-xhud sar jaf li mill-i*scan* kien irrizulta li Refalo kellu *intra-cranial hemorrhage*. Dan gie b'sorpriza minhabba li l-effetti superficjali tad-daqqa kienu jidhru li huma minimi. Il-pazjent kien gie intubat u eventwalment iddahhal fl-ITU u kien taht il-kura ta' *neurosurgeon* cioè Mr Zrinzo, sakemm gie

nieqes. Skont ix-xhud, ma kienx jidher li kien hemm griehi ulterjuri. In rigward tal-imputat Joseph Muscat, ix-xhud stqarr li dan kien instab li qed isofri minn dizlokazzjoni fi spaltu u ghadma mxaqqa. Dan irrizulta in segwitu ta' *X-rays*. Kien ghamel xi zmien bil-kullar sakemm fieq.

Fl-istess seduta xehed **l-Ispettur Joseph Agius**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug. Huwa xehed li fl-24 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tal-17:30hrs, il-Pulizija rceviet rapport li fil-pjazza ta' Haz-Zebbug hdejn il-BOV kien sehh argument. Fuq il-post il-Pulizija sabet lil certu Victor Refalo mitluq mal-art bi griehi f'rasu vicin ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 581, li allegatament kienet intuzat mill-imputat Joseph Muscat ftit tal-hin qabel. Il-vittma ttiehed l-isptar permezz ta' ambulanza fejn kien akkumpanjat mill-qraba Angela u Raissa Refalo. L-imputat, li kien jidher li kien xurban, ittiehed l-Ghassa fejn dan stqarr li kien qed iwassal lil Refalo lura minn festin tal-Milied u f'daqqa wahda gie mdawwar minn persuni li ma jafx u li aggredewh. L-imputat kien semma lil certu Lippu Agius u kien jidher li kellu xi ugiegh f'idu. Minhabba f'hekk kien ittiehed l-isptar ukoll. Ix-xhud spjega kif l-ghada, il-25 ta' Dicembru 2013, gie infurmat illi Refalo kien jinsab fil-periklu tal-mewt u allura gharraf lill-Magistrat tal-Ghassa li kien ordna inkjesta. L-imputat kien gie arrestat u tressaq il-Qorti fis-26 ta' Dicembru 2013 akkuzat b'feriti gravi fuq il-persuna ta' Victor Refalo. Kompla jispjega li fit-28 ta' Dicembru 2013 gie nfurat ulterjorment li Refalo kien gie nieqes. Per konsegwenza ta' dan kellhom jigu koreguti l-imputazzjonijiet relattivi. Fil-25 ta' Dicembru, l-imputat kien ta stqarrija wara li ghazel li ma jikkonsultax ma avukat, fejn huwa stqarr li dakinhar tal-incident, Refalo kien fis-sakra u talbu jwasslu d-dar. Kif waslu l-pjazza, Refalo ma

riedx jinzel mill-vann u beda jissara mal-imputat fejn l-imputat fl-ahhar irnexxielu jimbuttah 'il barra mill-van. Kif wasal id-dar, l-imputat induna li kien nesa s-sigarretti fil-vann u meta mar lura ghalihom gie mdawwar u aggredit minn xi qraba ta' Refalo. Fi kliem l-imputat "jiena ridt niddefendi ruhi u nahseb li tajtu xi daqqtejn ukoll u mbuttajtu mill-van".

Fl-istess seduta xehed **PC 1502 Richard Grech**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug li kkonferma li fl-24 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tal-17:30hrs dahal rapport u in segwitu ta' dan huwa mar fil-pjazza ta' Haz-Zebbug vicin tal-BOV fejn kien hemm persuna mal-art. Fuq il-post digà kien hemm l-ambulanza. Il-vittma kien certu Victor Refalo li kellu qasma fuq rasu vizibbli u xi ftit demm. Dan iddahhal minnufih fl-ambulanza u ttiehed l-isptar. Fi kliem ix-xhud, fuq il-post kien hemm ukoll certu Joseph Muscat, l-imputat, li beda jilmenta li ghandu ugiegh fi drieghu. Wara li dan ittiehed l-Ghassa, qal li kien qala' xi daqqiet waqt li kien mal-art u semma lil certu Lippu ta' Mona izda lil hadd izjed. L-imputat kien jidher xurban minhabba li beda jhawwad fid-diskors waqt li huwa gie mitkellem.

Fl-istess seduta xehed **PC 103 Tom John Farrugia**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Haz Zebbug li kkonferma li fl-24 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tal-17:30hrs, flimkien ma PC 1502 mar fuq rapport fil-pjazza ta' Haz Zebbug u hemm sab persuna maskili mitluq mal-art bejn zewg vetturi, wahda minnhom vann zghir bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 581 u l-ohra tal-marka Toyota. Fuq il-post kien hemm zewg persuni li jisimhom Angelica u Raissa Refalo, li qalu li kienu ulied ir-ragel li kien mal-art u li missierhom kellu argument ma certu Joseph Muscat wara ikla tax-

xoghol. Ix-xhud kompla jispjega li huma ra lill-vittma jittiehed minn fuq il-post permezz ta' ambulanza u nnota li minkejja li dan kien jidher mitluf minn sensih, kull ma kellu kienet selha fuq rasu u ma kienx hemm dmija ghajr ghal ftit ticpis mas-selha stess. L-imputat Joseph Muscat kien bilqieghda fuq l-ghatba tal-BOV u kien jidher li kien fi stat ta' sokor. Huwa beda jilmenta li kien mugugh fi spaltu u jsemmi lil certu Lippu ta' Mona. Eventwalment dan ittiehed gewwa l-Ghassa sabiex jigi mitkellem. Gewwa l-ghassa, l-imputat beda jitkellem u l-ewwel qal li kellhom ikla tax-xoghol u imbaghad rega' semma lil Lippu ta' Mona u li marru jtuh hafna nies. Fuq il-vittma Victor Refalo ma semma xejn. Muscat ittiehed ukoll l-Ispatar permezz ta' ambulanza minhabba l-istat ta' spalltu. Wara irrizuta li dan Lippu ta' Mona huwa certu Philip Agius. L-ghada, l-imputat gie arrestat u mitkellem mill-gdid fejn stqarr li huwa kien wassal lil Victor Refalo minn ikla tax-xoghol sal pjazza ta' Haz-Zebbug. Refalo ried li jwasslu sad-dar u meta Muscat irrifjuta, Refalo hemm ghalih u Muscat, b'reazzjoni, imbuttah 'il barra mill-vann.

F'dan il-kuntest, ix-xhud ikkonferma li l-vittma kien instab mal-art fin-naha tal-passiggier tal-vann u l-bieba kienet maghluqa. In kontro-ezami, ix-xhud stqarr li kien irrizultalu li l-imputat Joseph Muscat joqghod vicin tal-Ghassa ta' Haz-Zebbug. Eskluda li l-imputat kien qallu li kien gie aggredit meta wara ftit tal-hin, irritorna hdejn il-vann biex jigbor is-sigarretti li kien nesa u kompla jiccara li Muscat me kienx qal li kien hemm Lippu ta' Mona fuq il-post meta Refalo waqa' mill-vann izda biss li dan Lippu ta' Mona kien aggredih.

Fl-istess seduta xehed **PS 1585 James Weatherill**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug. Huwa stqarr li dakinhar tal-incident huwa kien qed ilahhaq mad-distrett kollu u kien qed jahdem fuq incident iehor. Is-segwitu tar-rapport tal-incident *de quo*, huwa ta struzzjonijiet liz-zewg kuntistabbli li kien hemm fl-Ghassa ta' Haz Zebbug sabiex imorru fuq il-post. Sakemm ix-xhud wasal fuq il-post, il-vittma kien lahaq ittiehed l-Isptar bl-ambulanza. Mill-banda l-ohra, ix-xhud ikkonferma li ra lill-imputat Joseph Muscat fuq il-post u li dan kellu riha qawwija ta' xorb fuqu. X'hin prova jkellmu x-xhud, dan beda jidghi u jilmenta dwar spalltu tal-lemin, li skont ix-xhud kienet tidher maqlugha. Semma lil certu Lippu ta' Mona, li skont ix-xhud huwa Philip Agius, li huwa l-gharus ta' wahda mit-tfal tal-vittma Victor Refalo. L-imputat ittiehed ukoll l-isptar minhabba spalltu. Ix-xhud spjega li huwa mar fuq il-post sabiex jara hekk hemmx xi kameras li jistghu jghinu l-investigazzjoni u staqsa ukoll gewwa hanut tax-xorb vicin jekk xi hadd rax xi haga izda l-persuna li tiehu hsieb, Victoria Farrugia, sqarret li ma rat xejn. L-ghada filghodu, ix-xhud inghata struzzjonijiet sabiex jarresta lill-imputat. Fil-karozza, huma u sejrin lejn l-Ghassa ta' Hal Qormi, l-imputat beda jistaqsi jekk Lippu ta' Mona kienx gie arrestat u stqarr li huwa kellu argument mal-vittma Victor Rafalo fil-vann tieghu, li kien ipparkjat, u wara li Refalo kien tah xi daqqiet, huwa mbuttah 'il barra sabiex johrog mill-vann Refalo waqa' mal-art. Ix-xhud iccara illi huwa ma kienx ra lil Victor Refalo ghax kien digà ttiehed l-Isptar meta huwa wasal fuq il-post.

Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2014 xehed **PS 122 Arthur Borg**, stazzjonat fis-sezzjoni forensika li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu kontenenti tmien ritratti bil-kulur. Huwa irrileva li r-ritratti ittiehdu ftit tal-hin sew wara l-incident u allura hemm certu bdil fil-karozzi li jidhru pparkjati. Skont ix-xhud, l-unika haga li tindika li kien hemm incident hija certu marki ta'dmija wahda mal-art u ohra ma vettura wahda biss. Mill-bqija huma veduta generali tal-post.

Fl-istess seduta xehed **Stephen Cachia**, rapprezentant tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta li spjega li minn ricerka li ghamel, il-vettura DAJ 581 tal-marka Daihatsu Hi-Jet ta' kulur griz hija rregistata fuq l-imputat Joseph Muscat u dan sa minn Mejju 2013.

Fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014 xehed **Dr Mario Scerri** li kkonferma illi huwa kien gie mahtur bhala espert mediku fl-inkjesta *in genere* li kienet infethet dwar l-incident *de quo*. Ix-xhud spjega li huwa kien ezamina lil Victor Refalo, li kien iddahhal l-isptar f'koma bi griehi f'rasu. Dan ma bediex jirrispodi ghat-trattament u kellu *brain death* nhar it-28 ta' Dicembru, 2013. Mill-awtopsja kien irrizulta li kellu *massive intracerebral haemorrhage* u allura, l-kawza tal-mewt tieghu kienet relatata direttament ma *blunt trauma*. Ix-xhud spjega ukoll illi huwa kien ezamina lill-imputat fl-ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema. Dan kellu troffa xaghar nieqsa, abbrazzjoni f'rasu kif ukoll tbengila kbira fi drieghu tal-lemin u spalltu dislokata. Minn ezamijiet radjologici irrizulta li kellu *dislocated right shoulder* u evidenza wkoll tal-frattura tal-*humerus*. Skont ix-xhud, min-natura taghhom, dawn huwa griehi gravi *per durata*.

Fis-seduta tat-28 t'April 2014 xehed **Dr Steven Farrugia Sacco** li stqarr li huwa kien inkarigat bhala espert tekniku dwar filmati CCTV mill-Magistrat Inkwirenti in konnessjoni mal-inkjesta li ssejhet dwar l-incident *de quo*. Huwa halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu.

Fl-istess seduta xehed ukoll **il-Prof Anthony Zrinzo**, *neurosurgeon*, addett fl-isptar Mater Dei. Ix-xhud spjega illi huwa kien involut fil-kura li rcieva Victor Refalo gewwa l-isptar Mater Dei bhala konsulent fin-*neurosurgery*. Spjega li sar *CT scan* wara li l-pazjent gie intubat. Mill-i*scan* irrizulta li kien hemm zewg cappep demm  gol-mohh qishom tbengil li kienu aktar lejn in-naha tal-lemin. Kien hemm vizibbli ukoll *subdural haematoma*. Skont ix-xhud, ma kienx jidher li l-kondizzjoni tas-Sur Refalo kienet ser titjieb jekk isir intervent kirurgiku u allura dan ma giex indikat. Eventwalment kien sar *scan* iehor u c-cappep tad-demm dehru li kibru aktar sakemm fid-29 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tas-19:30hrs, Refalo gie ddikjarat li kien *brain dead*. In kontro-ezami, ix-xhud iccara illi huwa ma kienx fizikament prezenti l-isptar meta Refalo iddahhal fl-emergenza. Ikkonferma li l-griehi li kienu prezenti huma kompatibbli ma *blunt trauma* kif fil-fatt kien hemm miktub fin-noti tal-*file*.

Fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2014, xehed **PC 403 Kurt Micallef**, li gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija li kien ta l-imputat Joseph Muscat wara li dan kien ghazel li ma jikkonsultax ma avukat.

Fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2014, xehed **l-Ispettur Roderick Agius**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Hal-Qormi, li stqarr li f'Dicembru 2013, huwa kien assista lill-kollega tieghu l-Ispettur Joseph Agius fl-investigazzjoni tal-kaz minhabba li dan tal-ahhar kien ghamel xi zmien imsiefer. Ix-

xhud spjega li nhar it-28 ta' Dicembru 2013 kien gie nfurmat mill-isptar Mater Dei illi Victor Refalo kien tilef hajtu u huwa kien informa lill-Magistrat Inkwirenti sabiex issir awtopsja fuq il-kadavru.

Fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2015 xehed **il-Perit Valerio Schembri** li stqarr illi huwa kien gie nkarigat bhala espert tekniku mill-Magistrat Inkwirent. Huwa halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu.

Fl-istess seduta xehdet **Angelica Refalo**, bint il-vittma Victor Refalo. Ix-xhud stqarret li meta sehh l-incident li fih missierha safa vittma hija kienet id-dar li hija vicin ta' fejn sehh l-incident. Wara li rceviet telefonata, hija marret fuq il-post fejn sabet lil missierha mixhut fl-art bejn vann u karozza faccata tal-fergha tal-BOV. Kellu xi grif u demm ma wiccu u kien hemm ukoll xi demm mal-hgiega tan-naha tal-passiggier tal-vann, li kien tat-tip "*toaster*". Meta hija bdiet tkellmu, huwa ma bediex jirreagixxi u beda jitrieghed. Xi nies li kienu fuq il-post li wiehed maghruf bhala "l-Ghawdxi" kien involut. Irrizulta li dan kien l-imputat Joseph Muscat, li wara ftit deher fuq il-post u kien fi stat ta' sokor. Ftit wara waslet fuq il-post ambulanza li hadet lil missier ix-xhud l-isptar u ankè l-Pulizija. Ix-xhud spjegat li hija u ohtha Raissa Refalo bdew jistaqsu lill-imputat x'kien gara biex missierhom spicca f'dik is-sura u beda jghid li huwa ma kien ghamel xejn izda "kull ma ghamilt imbuttajtu biex jinzel mill-karozza ghal isfel ghax ma riedx jinzilli". Fuq il-post kien hemm ukoll l-gharus tax-xhud, Sylvester Debono. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonfermat illi hija kient taf li missierha u l-imputat kienu kollegi fuq il-post tax-xoghol.

Ix-xhud regghat giet prodotta in kontro-ezami fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019 fejn hija kkonfermat illi ma kienitx prezenti fuq il-lok fi x'hin sar l-incident izda marret wara. Saret taf b'dak li gara war li l-gharus taghha kien ircieva telefonata anonima fejn min cempel kien qallu x'kien gara. Ix-xhud insistiet li meta marret fuq il-post, rat li missierha kien qieghed mal-art hdejn il-van tal-imputat. Ikkonfermat li kienet hi li cemplet lill-ohtha Raissa Refalo sabiex tavzaha b'dak li kien gara. Ix-xhud cahdet illi hija kienet rat lil xi hadd jaggredi jew b'xi mof iwegga' lill-imputat.

Fis-seduta tad-29 t' April 2015 xehdet **Raissa Refalo**, bint il-vittma Victor Refalo, li stqarret li dakinhar tal-incident hija rceviet telefonata minghand ohtha Angelica Refalo, fejn din qaltilha li missierhom kien gralu xi haga u kien qieghed hdejn il-BOV fil-pjazza ta' Haz-Zebbug. Hekk kif waslet fuq il-lok, rat lil missierha mal-art bejn vann li huwa tal-imputat u karozza ohra. Huwa deher mitluf minn sensieh bid-demm hiereg minn fuq ghajnejh u jokrob ajma. Ix-xhud stqarret illi hija kienet taf li missierha kellu ikla tax-xoghol u li l-imputat kellu jwasslu lura d-dar u ghalhekk, dak il-hin hija bdiet tistaqsi fejn kien Muscat. Dak il-hin hareg ragel minn gewwa hanut tax-xorb li beda bhal qisu jirrabja kif issemma Muscat u ghedded li kien sejjer igib is-senter. Wara rrizulta li dan i-ragel kien hu l-imputat. Minkejja li ghedded li ser igib is-senter, ftit minuti wara, dan ir-ragel gie lura flimkien mal-imputat, li kien jidher li kien fis-sakra. Skont ix-xhud, xi nies fuq il-post bdew jghidu li Joseph Muscat kien waddab lil missierha 'l barra minn gol-vann minhabba li ghamel l-awrina tahtu u xarrablu s-sedil. Eventwalment waslet l-ambulanza fuq il-post li hadet lill-missierha l-isptar. Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2016, ix-xhud regghat hadet il-pedana u pprezentat ritratt li hija

hadet tal-lok tal-incident li jindika xi taqtir demm mal-art, liema ritratt jinsab ezebit a Fol 293 tal-process.

Ix-xhud regghat giet prodotta in kontro-ezami fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019. Hija kkonfermat illi ma kienitx fuq il-lok x'hin sehh l-incident izda marret wara, u dan wara li kienet irceviet telefonata minghad ohtha Angelica Refalo. X'hin wasalt jien sibt lil missierha mixhut bejn zewg vetturi pparkjati, wahda minnhom il-vann tal-imputat. Skont ix-xhud, missierha kien qed jokrob "ajma". Ix-xhud stqarret li lill-imputat kienet tafu minn qabel minhabba li kien habib ta' missierha u kienet taf li l-vann in kwistjoni kien tieghu ghax ratu jsuqu f'okkazzjonijiet qabel ma sehh l-incident. Skont ix-xhud, xi nies li kienu fuq il-post bdew jghidu li l-imputat kien imbotta lil missierha minn gol-vann izda ma kienitx kapaci tghid dawn in-nies min kienu.

Fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2015 xehdet il-**Prof Marie Therese Camilleri Podesta** li kkonduciet l-awtopsja fuq il-kadavru tal-vittma Victor Refalo, ordnata mill-Magistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta dwar l-incident *de quo* u li saret nhar it-28 ta' Dicembru 2013. Hija halfet u pprezentat ir-relazzjoni taghha, fejn fiha kkonkludiet illi l-kawza tal-mewt kienet dovuta ghal frattura tal-kranju in segwitu ta' *blunt trauma*.

Fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2016 xehed **Sylvester Debono**, li jigi l-gharus ta' bint il-vittma Angelica Refalo, fejn huwa stqarr li huwa ma jiftakarx wisq ghajr li kien ra lil Victor Refalo mal-art u li dan kellu daqqa fuq in-naha tax-xellug ta' rasu u kien hemm xi ticpis tad-demm. Skont ix-xhud, Victor Refalo ma kienx qed jiccaqlaq. Huwa kien mar fuq il-post minhabba li kien wassal lill-Angelica Refalo.

Fis-seduta tas-7 t'Ottubru 2015 xehed **Dr Ali Sarfraz** li ukoll kien involut fl-awtopsja fuq il-kadavru ta' Victor Refalo, fejn huwa ikkorrobora dak li kienet xehdet il-Professur Camilleri Podesta, u cioè li l-kawza tal-mewt ta' Victor Refalo kienet *fractured skull caused by blunt trauma*.

Fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2020 xehed **Lawrence Agius**. Ix-xhud jiggestixxi l-banka tal-lottu fil-pjazza ta' Haz-Zebbug vicin tal-fergha tal-BOV. Huwa stqarr li fil-jum tal-incident, cioè nhar l-24 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tal-16:00hrs huwa kien fil-banka tal-lottu u wasal l-imputat bil-karozza u pparkja gewwa post li kien hemm quddiem il-banka. Mieghu kien hemm passiggier. Ix-xhud seta' jisma' li Muscat beda jitlob lill-passiggier sabiex jinzel mill-vettura. Wara ftit ra lill-imputat sejjer lejn id-direzzjoni tad-dar tieghu. Wara li ghadda ftit tal-hin iehor, madwar ghaxar minuti, persuna li kienet ghaddejja talbet banketta minghand il-hanut tax-xorb ta' magenb il-banka minhabba li kien hemm ragel mal-art bejn il-vettura tal-imputat u vettura ohra li kienet ipparkjata. Minn naha tieghu, ix-xhud cempel ghall-ambulanza u wara dan, waslu l-pulizija fuq il-post. Ix-xhud stqarr li lill-vittma kien jafu biss di vista. Ix-xhud iccara li ghalkemm il-banka kinet vicin ta fejn ipparkja l-imputat, minn gewwa huwa ma setax jara min kien qieghed gewwa l-vettura u x'kien qed isir u allura ma setax jghid jekk rax lill-imputat jaghmel xi haga lill-vittma jew *vice versa*. Ix-xhud eskluda li qatt kien ra lill-vittma fi stat ta' sokor fil-passat.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Anthony Farrugia**. Ix-xhud stqarr li fil-jum tal-incident ghall-habta tal-15:45hrs huwa kien fil-pjazza ta' Haz-Zebbug, sewwasew hdejn il-fergha tal-BOV gewwa l-karozza tieghu li kienet ipparkjata. Minn gewwa l-karozza seta' jara lil vittma Victor

Refalo bilqiegħda fuq banketta qed jixrob tazza birra. Skont ix-xhud, x'hin dan qam minn fuq il-banketta u pprova jdur bhal qisu ghelbitu rasu u habat mal-bieba tal-karozza tal-Professur Zammit (it-Toyota bajda). Ix-xhud irrimarka li huwa kien sema' hoss hekk kif ras il-vittma habtet mal-bieba tal-karozza. Irrimarka ukoll li fil-hin li Refalo waqa' u habat rasu, l-imputat Joseph Muscat ma kienx fuq il-post. Lanqas ma kien hemm kwalunkwe persuni ohrajn hdejn Refalo hlief huwa stess li kien bilqieghda fil-karozza tieghu. Lil Refalo kien jafu qabel minhabba li kien ikun fil-pjazza ta' Haz-Zebbug. Lill-imputat kien jafu ukoll fl-istess kuntest. In kontro-ezami, ix-xhud stqarr li kien hemm xi ftit nies prezenti fid-dintorni u ankè gewwa hanut tax-xorb vicin tal-BOV.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Illi l-istqarrijiet ta' l-imputat Joseph Muscat ittiehdet nhar il-25 ta' Dicembru 2013 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Joseph Agius fil-presenza ta' PC 403 K. Micallef wara li kien inghata is-soliti twissija li mhuiex obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem, izda dak kollu li ser jghid jista jibgieb bi prova.  L-imputat nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni izda ghazel li jezercitax dan il-jedd[9].

[9] Folio 14 ta' l-atti processwali

L-istqarrija ta′ l-imputat ittiehdet l-ghada ta′ l-incident, u cioe′ fil-25 ta′ Dicembru 2013 fil-prezenza ta′ l-Ispettur Joseph Agius u PC 403 K. Micallef. L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta′ l-istqarrija.[10]

Illi fl-istqarrija l-imputat jaghzel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni u jidhol f′certu dettal dwar l-incidenti u spjega kif kien gie fl-idejn ma Victor Portelli u ghalfejn. Dwar l-incident jghid li *"ghedtlu biex jinzel, qabad itini go wicci. Jiena ftaht il-bieba u keccejtu u nbuttajtu naqra ghax baqa ma riedx johrog. Issa jekk waqa jew ma waqax, jien ma nafx."*[11]

Jghid ukoll li:

*"Meta inbuttajtu nahseb li tajtu xi daqtejn ghax ridt niddefendi ruhhi peress li hu kien fis-sakra."*[12]

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l-istqarrija li ġie rilaxxata mill-imputat hiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġie rilaxxata l-istqarrijia tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrijia in kwistjoni kienitx konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6

[10] Folio 10-11 ta' l-atti processwali
[11] Folio 10 ta' l-atti processwali
[12] Folio 11 ta' l-atti processwali

tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrijia tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti huwa ghazel li ma juzax. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta’ Novembru 2016.[13] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f’diversi każijiet pendenti ta’ natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[14] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

[13] Fit-28 ta' Novembru 2016

[14] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l- interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l- possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l- interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car*

*illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**[15] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta′ l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija.

[15] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[16] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[17] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[18] fejn il-Qorti rriteniet:

[16] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali
[17] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

*"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[19]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[20]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[21] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

---

[18] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali
[19] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[20] Folio 14 tas-sentenza

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[22]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[23]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[24] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, u tinsab konvinta li l-imputat ma kiex ben konxju jew imdorri ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li

---

[21] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF
[22] Folio 25 tas-sentenza
[23] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[24] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrijia u ma tqishiex bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[25], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, <u>bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali</u>, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u*

[25] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu,* ***<u>ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'</u>****. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[26] u li,

[26] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, "*u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat*".[27]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[28] gie ritenut li "*fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat*".

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[29] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni "*beyond reasonable doubt*" moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.*"

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[30]

> '*Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

[27] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.
[28] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002
[29] deciz 5/12/1997
[30] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghal provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza*

*ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

*Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet*

*ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[31] fejn gie kkunsidrat:

*"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall-konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[32] gie kkunsidrat:

[31] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017

*'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat taht l-artikolu 220 – Offiza gravi fuq il-persuna li wara l-offiz imut biha**

Illi stante li l-incident sehh f'Dicembru 2013 din il-Qorti trid tezamina l-ligi kif kienet dak iz-zmien u mhux kif emendata permezz ta' l-Att XIII tas-sena 2018.

Illi l-artikolu 220(1)(2) dak iz zmien kien jghid:

[32] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

*(1) Il-ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna li biha tiġri l-mewt minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża, u mhux għal xi kawża aċċidentali li tinqala' wara, jeħel –*

*(a) il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa għoxrin sena,jekk il-mewt tiġri fi żmien erbgħin ġurnata li jibdewigħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt;*

*(b) il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena,jekk il-mewt tiġri wara l-erbgħin ġurnata hawn fuqimsemmija, imma qabel sena li tibda tgħodd bħal majingħad hawn fuq.*

*(2) Meta l-mewt tiġri minħabba xi kawża aċċidentali li tinqala'wara u mhux biss minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturalital-offiża, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerijagħal żmien minn ħames snin sa għaxar snin.*

Illi l-vittma gie ccertifikat li miet nhar it-28 ta' Dicembru 2013, erbat ijiem wara li sehh l-indicent. Ghalhekk jekk il-Qorti sejra tikkonsidra l-artikolu 220(1) tal-Kodici Kriminali huwa s-subartikolu (1)(a) ta' l-artikolu 220 li jghodd stante li l-vittma miet fi zmien erbghin jum mill-incident[33].

Illi l-artikolu 220(1)(a) ma kellux kambjamenti minn meta dahal fis-sehh l-Att XIII tas-sena 2018 u l-piena fiz-zmien ta' l-incident baqghet l-istess sal-gurnata tallum u hija ta' bejn sitt snin u ghoxrin sena.

Madankollu fl-akkuzi li tressqu skond ir-rinviju tal-Avukat Generali data 4 ta' Dicembru 2017, il-prosekuzzjoni intalbet taghmel

[33] Vide Certifikat tal-mewt, Folio 74 ta' l-atti processwali

korezzjonijiet b'tali mod li l-imputat jitressaq taht l-artikolu 220(2) u 218 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant minkejja li l-Avukat Generali ghamel referenza ghal dak kollu li jipprovdi l-artikolu 220(1) tal-Kodici Kriminali din il-Qorti trid u sejra tezamina l-kaz fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 220(2) biss tal-Kodici Kriminali u tiskarta dak li jipprovdi l-artikolu 220(1) tal-Kodici Kriminali in vista tal-fatt ukoll li l-artikolu 220(1)(a) tal-Kodici Kriminali jezorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti u l-artikolu 220(1)(b) tal-Kodici Kriminali ma japplikax ghac-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Illi skond id-dottrina lokali ripetutament gie ritenut li jekk l-awtur tal-offiza ma kellux l-intenzjoni li jikkawza mewt, m'ghandux jigi ritenut responsabbli ghall-effetti li l-att tieghu ma kienx ihalli li kieku ma kienx ghal kawza accidentali (concausa).

Il-Qorti hawnhekk sejra taghmel referenza ghal-kawza **Repubblika ta' Malta vs Jason Calleja**[34] fejn gie deciz illi:

*Il-concausa tista' tkun marbuta biss mad-delitt ta' offiza gravi segwita mill-mewt u mhux ma' l-akkuza ta' omicidju. Dak li hu rikjest hu biss li l-concausa tkun accidentali jigifieri trid tkun totalment indipendenti mill-att ta' l-awtur tad-delitt u inoltre trid tinqala' wara li tkun giet ikkawzata l-offiza fuq il-persuna. Fid-dottrina hemm veduti differenti dwar l-effetti ta' negligenza ta' infermieri u tobba fil-kura tal-ferut. Il-Maino u l-Manzini, per ezempju, isostnu li f'kazi bhal dawn,il-concausa hija possibbli mentri awturi bhal Kenny, per ezempju, ma jaqblux billi jsostnu illi tali riskju huwa dejjem inerenti ghall-offiza ikkawzata, fis-sens illi kieku ma kinitx kawzata l-offiza ma kienx ikun*

[34] Appell Kriminali, Deciza 3 ta' Lulju 1997

*hemm konsegwenzi. Taht il-ligi taghna fejn jirrizulta illi l-mewt grat bhala rizultat kemm tal-ferita kif ukoll tal-fatt sopraggunt, l-akkuzat ikun intitolat ghall-beneficcju tal-concausa. Jigifieri, dak li hu importanti taht il-ligi taghna mhux il-fatt jekk il-ferita inflitta kinitx iggib il-mewt wahedha u jekk din il-mewt kinitx tikkawzaha minghajr l-intervent tal-kirurgi, izda jekk effettivament il-mewt gietx kawzata mhux biss bhala rizultat tal-ferita inflitta, izda ukoll minn event sopraggunt accidentali u indipendenti.*

Illi dan l-insenjament jissemma wkoll fil-kawza **Replubblika ta' Malta vs Saviour sive Salvu Gauci.**[35]

*"Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant isostni li mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jistghu jinkwadraw l-elementi legali rikjesti ghal con causa. Ighid li l-feriti gew inflitti fl-20 ta' Marzu 1997 filwaqt li l-mewt grat fit-2 ta' April 1997 u f'dak il-perijodu graw affarijiet li huma rilevanti, senjatament il-fatt li lil Anna Kok sarulha diversi operazzjonijiet. Jirreferi ghal dak li xehed Mr. Dennis Gatt waqt il-kumpilazzjoni fis-sens li kien involut fit-tielet operazzjoni meta fit-22 ta' Marzu 1997 "jigifieri jumejn wara, Anna Kok kellha bleeding qawwi mill-koxxa tax-xellug li kellha ma taqsam xejn mal-injury originali". L-appellant jghid li a bazi ta' din id-depozizzjoni, il-konkluzjoni naturali hi li l-mewt ma gratx minhabba l-konsegwenzi naturali tal-ferita/i originali, "pero` ukoll minhabba fattur incidentali li nqala' wara li ma hu bl-ebda mod relatat mal-'injury' originali". Il-Professur Mamo fin-noti tieghu jghid fir-rigward tal-con causa: "Cases of supervening accidental contributory causes would be, for instance, the negligence of the doctor attending the patient, or the improper applications to the wound, or the non-observance by the patient*

[35] Appell Kriminali,S.T.O Prim Imhallef Vincent DeGaetano, Onor.Imhallef Joseph A. Filletti, Onor. Imhallef David Scicluna, Deciza 8 ta' Lulju 2004

*of the doctor's prescriptions. In all such cases we have a fact, a positive fact, independent of the act of the offender, which is super-added to the injury and produces effects which the injury, by itself, would not have produced. But the case would be otherwise if, for instance, the wound turns to gangrene, or septic poisoning or becomes grievous by its natural consequences, or from an operation rendered advisable by the act of the accused. The rationale of this is that a person who brought the victim into some new hazard of serious personal injury may fairly be held responsible if any extraneous circumstances, that were not intrinsically impossible, should convert the hazard into a certainty". Fil-kaz in ezami, huwa veru li Mr. Dennis Gatt meta xehed waqt il-kumpilazzjoni rrefera ghall-fatt li t-tielet operazzjoni giet reza necessarja minhabba "bleeding" fil-koxxa tax-xellugtal-vittma. Huwa minnu wkoll li l-ferita principali kienet fil-koxxa tal-lemin ta' Anna Kok. Izda l-"bleeding" kien dovut ghall-fatt li d-demm ma kienx qieghed jikkoagula bhala rizultat tal-"bleeding" estensiv li sofriet bl-istab wound. […] Minn dan huwa evidenti li ma kien hemm l-ebda cirkostanza indipendenti mill-att ta' l-appellant li kkawzat effetti li l-offiza, wahedha, ma kinitx tikkawza. Jigifieri l-mewt ta' Anna Kok grat minhabba n-natura u l-konsegwenzi naturali ta' l-offiza li hija garrbet u mhux minhabba xi kawza accidentali li nqalghet wara."*

Gerald Gordon fil-ktieb tieghu "**The Criminal Law of Scotland**"[36] jispjega:

*"It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly*

[36] Publikat minn W. Green & Sons, (1973) (

*highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence…."*

*"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it."*

*"In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz **Il-Pulizija vs Duncan Deguara**[37] fejn din il-kawza kienet tittratta *bouncer* li kien imbotta persuna 'l barra minn gewwa stabbilment, bil-konsegwenza li din il-persuna kienet waqghet ma' bankina u mietet minnhabba emorragija fil-mohh.

**Ikkunsidrat**

Illi wara l-mewt tal-vittma, infethet inkjesta magisterjali.

Ix-xhud PS122 Arthur Borg ezebixxa sensiela ta' tmien (8) ritratti li juru l-post ta' l-incident. Minkejja li daw ittiehdu ftit granet wara l-incident

[37] Qorti Kriminali, Deciza 9 ta' Marzu 2012

xorta jirrizulta marki homor ma' l-art u fuq vettura ohra li kienu jidhru li huma demm.[38]

Is-sid tal-vettura in kwistjoni giet ippruvata mix-xhieda ta' Stephen Cachia li ikkonferma li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 581 hija Daihatsu Hyget Blas van ta' kulur griz u rregistrat fuq l-imputat u kienet ilha registrata fuqu mis-7 ta' Mejju tas-sena 2013.[39]

Illi l-espert Dr. Stephen Farrugia Sacco gie nominat sabiex jeleva u jaghmel kopja ta' filmati ta' CCTV mehudin u foto, grammi rispettivi u jipproduci *stills* ta' l-istess filmati.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

<u>Il-griehi sofferti</u>

Il-prosekuzzjoni esebit zewg certifikati ta' l-isptar Mater Dei mahrug mit-tabib Dr. Ryan Camilleri nhar il-24 ta' Dicembru 2013.

L-ewwel certifikat jikkoncerna lil Victor Refalo u jiddeskrivi l-griehi bhala *"Grievous In danger of loss of life"*. L-istess certifikat jghid li l-vittma Victor Refalo ittiehed id-dipartiment ta' l-emergenza l-isptar dak il-lejl stess fit-tmienja ta' filghaxija (20.00hrs) u jiddeskrivi l-griehi tieghu bhala *"LT brain: Intracranial haemorrhage."*[40]

It-tieni certifikat, (ipprezentat bhala vera kopja ta' l-original[41]), jikkoncerna lill-imputat Joseph Muscat u jiddeskrivi l-griehi bhala *"Grievous"*. L-istess certifikat jindika li dan l-ezami sar fid-disgha u nofs

---

[38] Dok AB1, Folios 81-89 ta' l-atti processwali
[39] Dok SC1, Folio 92-98 ta' l-atti processwali
[40] Dok 12 ta' l-atti processwali
[41] Vide folio 29 ta' l-atti processwali bhala konferma ta' l-istess

ta' filghaxija (21.30 hrs) u jidddeskrivi li sar *"X ray RT shoulder – Avulsion great tuberle."*[42]

Illi l-istess tabib Dr Ryan Camilleri ikkonferma l-kontenut taz-zewg certifikati fix-xhieda tieghu nhar is-17 ta' Jannar 2014.[43] Huwa kkonferma li kien qed jaghraf lill-imputat u li kellu "*dislocation tax-shoulder*".[44]

Mistoqsi jekk it-tabib kienx jaf x'kien il-kagun tad-daqqa, jew jekk kienx hemm trabijiet jew hmieg fil-ferita, ix-xhud stqarr:

*"Kien hemm ftit demm hiereg imma ma jidhirx li kien hemm hmieg. Nista' nghid li l-qasma kienet wisq zghira ghal ammont ta' damage li kien sar minn gewwa. Dak zgur li nista' nghid.*

……

*Jiena ma hiniex xi specjalista kif ghidtlek diga' fuq dawn l-affarijiet imma l-qasma kienet wisq zghira ghal ammont ta' demm li rajna fic-CT scan dak li nista' nghid infatti ahna konna sorprizi mir-rizultat tac-CT scan ghax ovvjament il-pazjent kien aggressiv, il-qasma kienet verament zghira."*[45]

Illi c-certifikat tal-mewt juri li l-mewt sehhet nhar is-Sibt 28 ta' Dicembru 2013 fis-siegha u nofs ta' wara nofs in-nhar u l-kawza tal-mewt hija *"blunt trauma"* u l-post tat-trawma kien deskritt bhala *"skull"*.[46] Sussegwentement nhar il-14 ta' Jannar 2014 l-eredi tal-mejjet Victor

[42] Folio 13 ta' l-atti processwali
[43] Folios 28-36 ta' l-atti processwali
[44] Folio 30 ta' l-atti processwali
[45] Folio 34-35 ta' l-atti processwali
[46] Folio 74 ta' l-atti processwali

Refalo informaw lil Qorti li qed jikkostitwixxu ruhhom bhala parte civile fil-proceduri f'din il-kawza.[47]

Mix-xhieda ta' l-espert tabib Dr. Mario Scerri[48] li ezamina l-vittma irrizulta li l-vittma sofra ferita f'rasu u meta dahal l-isptar ma bediex jirrispondi ghat-trattament u l-kundizzjoni tieghu bdiet tiddeterjora u gie ddikjarat *brain dead* erbat ijiem wara l-incident. Mis-*CT scan* li saritlu irrizulta li kellu *intracerebral haemorrhage* kbira f'rasu u l-kawza tal-mewt tieghu kienet relatata dirretament ma' *blunt trauma* li kkagunatlu din l-emorragija.[49]

Minn ezami tal-vittma irrizulta li kien hemm emorragija ta' erba centimetri b'sitt centimetri fuq il-*frontal region* tan-naha tal-lemin akkompanjata minn *intracerebral haemorrhage* izghar fil-*frontal region* tan-naha tax-xellug u fit-*temporal lobes.*

Meta ezamina l-imputat dak in-nhar ta' l-incident irrizulta li kellu *"troffa xaghar nieqsa u brazjoni f'rasu u qalli li kellu dislocated shoulder"*.[50]

Mix-xhieda tal-Professur Anthony Zrinzo irrizulta li c-CT scans li saru wrew *"zewg (2) capep tad-demm go l-mohh qishom tbengiliet kbar fuq il-lemin iktar milli fuq ix-xellug u kellu anki dik li jghidulha subdural hematoma jigifieri cappa demm zghira, fil-kaz tieghu rqiqa taht ir-rita tal-mohh."*[51]

Minkejja li fin-notamenti ta' l-isptar fl-emergenza kien hemm indikat li l-vittma kien *"allegedly involved in a fight, allegedly hit head with a car"*[52]

[47] Folio 21 ta' l-atti processwali
[48] Dok MS1, Folio 115 ta' l-atti processwali
[49] Vide folio 39 tar-rapport ta' l-espert
[50] Folio 107 ta' l-atti processwali
[51] Folio 119 minn quddiem u wara ta' l-atti processwali
[52] Folio 122 ta' l-atti processwali

huwa ma setax jikkonferma il-mod kif verament saret id-daqqa f'ras il-vittma.[53]

Il-Professur Zrinzo ipprezenta l-*medical file* shih tal-vittma.[54]

Meta saret l-awtopsija tal-vittma gie determinat li *"l-kawza tal-mewt kienet dovuta ghal frattura ta' l-kraneju minn blunt trauma."*[55]

Fil-*medical file* jirrizulta li *"49 yr old gentleman admitted @ A&E after he was allegedly beaten up. He was brought to A&E where he was found to have alcohol intoxication."*[56]

**Ikkunsidrat**

**Il-provi mressqin mill-prosekuzzjoni**

Illi mix-xhieda ta' PC 1502 Richard Grech irrizulta li l-imputat kien infurmah li waqt li kien qieghed fl-art qala' xi daqqa minghand xi hadd u fost in-nies li kien hemm semma persuna maghrufa bil-laqam Lippu ta' Mona. Meta rega' kien gie mistoqsi jekk qalax xi daqqa minghand xi haddiehor ukoll ix-xhud stqarr *"Le lili ma semmieli xejn"*.[57]

Ix-xhud jistqarr ukoll li l-imputat ma kienx qed jikkomunika maghhom b'mod car minhabba dak li ssuspetta kien xorb. Madankollu irrizulta li l-imputat u l-vittma kienu gejjin minn ikla tax-xoghol, waslu l-pjazza flimkien u li qala' daqqa minn xi hadd u tah l-isem 'Lippu ta' Mona'.

Mix-xhieda ta' PC 103 Tom John Farrugia irrizulta li meta x-xhud mar fuq il-post ta' l-incident, sab il-vittma flimkien mat-tfal tieghu, certu

[53] Folio 119 fuq wara ta' l-atti processwali
[54] Folios 122-206 ta' l-atti processwali
[55] Folio 295 ta' l-atti processwali.
[56] Folio 142 ta' l-atti processwali, kif ukoll Folio 146 ta' l-atti processwali, Folio 190 ta' l-atti processwali
[57] Folio 41 ta' l-atti processwali

Angela Refalo u Raissa Refalo li infurmawh li missierhom, il-vittma, kellu argument ma' l-imputat u tefghu 'l barra mill-van tieghu.

Dwar il-ferita esterna li kellu l-vittma, ix-xhud jiddiskreviha bhala *"misluha"* u *"mhux fonda"* u bid-demm.

Ix-xhud jispjega li t-tfal tal-vittma qalulu li *"x'aktarx ghamilielu Joseph Muscat li mbuttah mill-vann tieghu ghax milli semghu huma li ried iwasslu d-dar."*[58]

Fir-rigward l-imputat, ix-xhud jiddeskrivih bhala *"f'sakra li bil-kemm seta' jikkomunika maghna u li kien mugugh kellu spalltu, izomm spalltu u l-uniku kliem li beda jghidilna Lippu ta' Mona, beda jghidilna Lippu ta' Mona. Dak il-hin dak biss beda jghidilna. Lippu ta' Mona."*[59]

Ix-xhud jispjega li wara li nizzlu lil imputat l-ghassa beda jghidilhom li kellhom ikla tax-xoghol u li xorob u li l-incident gara meta *"qabez fuqu Lippu ta' Mona, qal qabdu jaghtuni, gew ituni hafna nies imma fuq Victor Refalo ma semma' xejn dak il-hin."*[60] Il-verzjoni ta' l-imputat kienet li *"Lippu ta' Mona beda jaghtih bis-sieq beda jghid li qalalu spalltu. Beda jghid li dahruh diversi nies imma fl-istess hin lilu biss beda jindika."*

Wara li gie arrestat l-imputat u nghata t-twissija, l-imputat qal li l-vittma Victor Refalo hebb ghalih fil-vann u mbuttah 'il-barra minn gol-van minhabba l-fatt li l-vittma ried lill-imputat iwasslu sa quddiem il-bieb tad-dar tieghu u mhux sal-pjazza. X'gara wara ma jiftakarx, biss li daru ghalih xi nies u bdew ituh. Madankollu, minkejja li l-verzjoni ta' l-imputat kienet li imbotta lill-vittma barra mill-van tieghu, ix-xhud jghid:

[58] Folio 47 ta' l-atti processwali
[59] Folio 47 ta' l-atti processwali
[60] Folio 49 ta' l-atti processwali

*"Imma jien rajtu ma' l-art bejn iz-zewg (2) vetturi, bejn il-van tieghu u tal-Professur Zammit kienet."*[61]

*"Jien lil Refalo rajtu ma' l-art, in-naha tal-bieba tal-passiggier."*

Ix-xhud PS1585 James Weatherill jikkorrobora l-fatt li l-imputat kien jistab fi stat ta' sakra u li kien jinxtamm r-riha ta' xorb fuqu. Kull darba li beda ikellmu beda jghid tahlita ta' affarijiet u fosthom li kien qala xeba minnghand Lippu ta' Mona maghruf bhala Philip Agius.[62] Fir-rigward l-incident mal-vittma, l-imputat qallu:

*"…kien fil-van tieghi, qalli kellna argument, qalli taghni daqtejn, imbaghad dejjaqni u bbuttajtu 'l barra mill-van u qalli li waqa' u habat rasu u gie ma' l-art."*[63]

L-Ispettur Joseph Agius ikkorobora din is-segwenza ta' fatti fix-xhieda tieghu wkoll u zied wkoll li x-xeba qalaghha wara li kien imbotta lil Victor Refalo 'l barra mill-vann, mar id-dar, ftakar li nessa c-cwievet tieghu fil-van u mar lura ghalihom. Kien hemmhekk li sab il-qraba ta' Refalo u tah xeba Lippu ta' Mona.[64]

Mix-xhieda ta' Anjelica Refalo, li tigi bint il-vittma, irrizulta li dak in-nhar ta' l-incident kienet giet informata li missierha kien mitfuh ma' l-art bejn van u karozza u meta marret sabitu f'dik il-posizzjoni. Ix-xhud sabet lil missiera bid-demm hiereg minn rasu u kellu grif ma' wiccu u ma' genb il-vann li kien riekeb fih kellu d-demm ukoll *"ma l-hgiega fejn*

[61] Folio 51 ta' l-atti processwali
[62] Folio 60 ta' l-atti processwali
[63] Folio 62 ta' l-atti processwali
[64] Folio 72 ta' l-atti processwali

*kien riekeb hu."*[65] Sussegwentement wara li bdiet tara x'gara u min kien involut gie l-imputat u beda jillitiga maghhom.

Meta x-xhud ikkonfrontat lill-imputat dak il-hin, ftit wara li gara l-incident, l-imputat qalilhom li ma ghamel xejn u kull ma ghamel huwa li imbuttah biex jinzel mill-karozza ghal isfel ghax ma riedx jinzillu.[66]

Fir-rigward tal-griehi li sofra l-imputat, ix-xhud stqarret li qabel dan l-incident, missierha stess, il-vittma, kien jindukralu spallejh u kien jidlikielu biz-zejt u bil-hall.[67]

Illi t-tifla l-ohra ta' l-imputat, Raissa Refalo, xehdet ukoll li sabet lil missierha fl-art bejn vann li kien ta' l-imputat u karozza ohra ipparkjata ma' genbha u li kien mitluf minn sensieh bid-demm hiereg minn fuq ghajnejh.

Ix-xhud tghid li meta bdiet isaqsi fejn hu l-imputat, hareg huh minn gewwa hanut, li beda jghidilhom li ha jgib is-senter tieghu ghalihom. Fil-pront dan ir-ragel, mar u gab lill-imputat fil-pjazza u ratu jillitiga ma' ohtu u jixxengel fis-sakra. In-nies li kienu madwarhom bdew jghidulha li l-imputat tefa' lil Refalo barra mill-van ghaliex ghamel tahtu fil-vann u xarrabblu s-siggu. Missierha kien fuq in-naha tal-passigier fil-vann u sabitu vicin in-naha tat-tyre ta' wara u mal-bankina.

Fir-rigward l-imputat, ix-xhud ma tiddeskrivi ebda inkontru jew glied bl-idejn li nqala mieghu.

[65] Folio 271 ta' l-atti processwali
[66] Folio 273 ta' l-atti processwali
[67] Folio 274 ta' l-atti processwali

Ix-xhud Sylvester Debono stqarr li ra lill-vittma b'daqqa fuq ghajnejh bid-demm u li kien *"bil-qieghda fuq bankina ma' l-art."*[68] Qalet ukoll li *"In-nies bdew jghidu, hemmhekk kien hemm hafna nies u bdew jghidu li nizel minn do dan il-van u imbuttah."*[69]

In kontro ezami, bint il-vittma, Raisa Refalo qalet li x'hin gew il-pulizija dawn in-nies kienu hemm, taw lill-pulizija kull informazzjoni li setghu u li dawn in-nies hemm kienu baqghu u l-pulizija setghu jarawhom.

Madankollu l-pulizija ma ressqet ebda persuna li setghet kienet xhud okulari li rat l-incident isir. Dawn ix-xhieda okulari li kienu raw l-incident isehh kienu jkunu proprju dawk li kienu jservu ta' xhieda newtrali u, li setghu jkunu imparzjali u oggettivi, u possibbilment jitfghu dawl fuq l-involviment o meno ta' l-imputat.

Il-Qorti tqis li b'hekk hija giet imcahhda mill-opportunita' li tisma' u tqis xhieda ta' persuni li, fl-ahhar mill-ahhar, mhumiex involuti direttament mal-imputat jew mal-vittma. Li kieku tressqu, din il-Qorti setghet possibilment tevalwa l-provi wkoll a bazi ta' dak li raw u semghu huma u l-qraba l-ohra u setghu jservu ta' bilanc jew kjarifika ta' kif graw l-affarijiet.

Illi l-fatt li dawn in-nies thallew jitilqu minn fuq ix-xena minghajr ma l-pulizija hadet imqar id-dettalji taghhom jew ghamlet l-almu taghha biex tfittixhom u tressaqhom b'xhieda, huwa nuqqas li jhalli impatt kbir fuq kif din il-Qorti tista tevalwa l-kaz.

[68] Folio 343 ta' l-atti processwali
[69] Folio 419 ta' l-atti processwali

Illi wiehed japprezza li dak il-hin, l-incident u l-griehi ma kinux qeghdin jaghtu xehta ta' xi gravita' kbira -

Illi dan kollu qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li d-difiza ressqet zewg xhieda okulari hi stess sitt snin u nofs wara l-incident u dan meta tqis il-fatt li l-imputat fil-hin ta' l-incident kien xurban u ma setax jiftakar l-avveniment.

Id-difiza ressqet lix-xhud Anthony Farrugia li stqarr li kien ra lil-vittma fl-erbgha neqsin kwart u li *"kien bilqieghda fuq banketta."*[70]

Ix-xhud Farrugia jghid li:

*"rajtu bilqieghda fuq il-banketta kellu tazza birra quddiemu u rajtu qisu kien fis-sakra u pprova jqum minn fuq il-banketta u jdur hekk u hawnhekk kien hawn karozza tal-Professur Zammit u kien hawn karozza ohra hawn u x'hin ipprova jdur hu qisu ghelbietu rasu hekk u habat mal-karozza tal-Professur, ghamel hekk u nstabat….. dak kien wahdu. Ma kien hemm hadd mieghu.*

*Dr Karl Grech: Issa, inti ghamilt hoss b'idejk. Inti lil dan li waqa' lil Victor smajt xi haga x'hin waqa'?*

*Anthony Farrugia:*

*Mhux rasu tahbat hi?*

…..

*Dak. Dak li rajt jien. Kien qieghed bilqieghda hekk fuq il-banketta, pprova jqum.*

…..

---

[70] Folio 442 ta' l-atti processwali

*U jdur hekk u qisu ghelbietu rasu hekk u habat mal-karozza tal-Professur ghalija jiena hawn….ghamel hekk upp u instabat, anqas iccaqlaq."*[71]

Ix-xhud ikompli jispjega li l-vittma waqa' u gie bejn il-karozzi u gie iktar vicin il-karozza tal-Professur. Dak il-hin l-imputat ma kienx hemm u lanqas kien hemm haddiehor.

Il-vittma kien wahdu u *"tazza tal-birra kellu"*.[72]

Id-difiza ressqet ukoll lil Lawrence Agius li stqarr li dak in-nhar ta' l-incident kien qieghed il-banka tal-lottu minhabba li ghandu banka tal-lottu u ra l-incident.

Jispjega:

*"gie Joseph emm Muscat bil-vettura u mieghu kellu passiggier. Ipparkja ghax hemm il-parking spaces ftit il quddiem mill-banka tieghi u beda jitlob lil dak li kien hemm passigier biex jinzillu mill-vettura."*[73]

Ix-xhud jispjega li kien madwar sitt metri l-boghod mill-incident u filwaqt li ma ra xejn, sema lil-imputat jghid lill-passigier li kien mieghu biex jinzillu mill-vettura u wara ftit ra lil-imputat sejjer id-dar tieghu. In kontro ezami jiccara li hu ma semax argument imma lill-imputat jitolbu aktar minn darba sabiex il-passiggier ta' mieghu jinzel mill-karozza.

Sussegwentement gie persuna jitolbu ghall-banketta sabiex jaghti assistenza lil dan il-passigier u hu cempel sabiex tigi l-ambulanza. Ix-xhud jikkalkula li ghaddew madwar ghaxar minuti minn meta ra lill-

[71] Folio 442, 443, 444 ta' l-atti processwali
[72] Folio 445 ta' l-atti processwali
[73] Folio 449 ta' l-atti processwali

imputat imur id-dar u gie mitlub ghall-banketta ghall-vittma u li l-incident kien ghall-habta ta' l-erbgha ta' wara nofs in-nhar.

Il-prosekuzzjoni strahet pirincipalment fuq is-CCTV *footage* bhala l-prova krucjali li turi l-involviment ta' l-imputat u tikkonferma li kien il-kagun ta' dak kollu li gara lill-vittma.

Il-Qorti rat dan is-CCTV *footage* fid-dettal u bir-reqqa. Minn dan is-CCTV footage jirrizulta li l-imputat kien ipparkja l-vettura f'parkegg vicin ta' karozza ohra. Jidher johrog mill-vettura, imur fuq in-naha tal-passiggier, jiftah il-bieba u jikkomunika mal-passiggier. L-imputat jerga jmur lura fuq in-naha tieghu tal-vettura, jirritorna, jerga' jmur fuq in-naha tal-passiggier u jiftah il-bieba u jidher jaghmel mossi b'idejh hdejn il-karozza. Jerga jitkellem lill-passigier u jitlaq minn hdejn il-karozza ghal direzzjoni ohra. Wara ftit minuti jirritorna lura, jerga jiftah il-bieba tal-passigier, jaghlaqha u jerga' jitlaq fid-direzzjoni minn fejn kien gie. Wara ftit ta' minuti ohra, jerga jirritorna l-imputat, jidhol fuq in-naha tax-xufier u jidher li qed tinfetah il-bieba tal-passiggier. L-imputat jieqaf hdejn il-vittma li qieghed ma' l-art, il-vittma jgholli jdejh, u l-imputat jerga' jitlaq fid-direzzjoni minn fejn kien gie.

F'dan l-istadju jidher id tigi mgholija minn bejn il-karozzi bhal donnu qed jipprova jqum u nies ghaddejin josservaw li hemm persuna bejn il-karozzi. Jidher ragel jgib banketta u persuna ohra li tigi tghin u tgholli lir-ragel u tistirah mal-genb tal-karozza u tpoggieh bilqeghda fuq il-banketta. Din il-persuna, il-vittma, tibqa' f'din il-posizzjoni ghal ftit minuti, tqum bil-wieqfa u meta tqum, taqa' u tinstabat mal-karozza l-bajda u tibqa ma' l-art sakemm tigi l-ambulanza tassistiha.

Illi minn dan is-CCTV footage jirrizulta b'mod car li l-vittma kien ghadu konxju meta kien telaq l-imputat. Mill-istess filmat, li l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fuqu, ma jirrizulta bl-ebda mod li l-vittma sofra l-griehi li wasslu ghall-mewt tieghu meta l-imputat kien ghadu fix-xena. Ghall-kuntrarju, jidher li, sa wara li telaq l-imputat, il-vittma kien ghadu bilqeghda, u kien biss meta qam bil-wieqfa wahdu u waqa' ma' l-art li ma baqax aktar kapaci u kella tingieb l-ambulanza tassistieh. Mill-istess footage, lanqas ma jirrizulta b'mod car kif il-vittma harget mill-vettura. Il-fatt li l-imputat kien fil-vettura mieghu jirrizulta, izda ma jirrizultax li l-imputat imbuttah 'il barra mill-karozza b'tali mod li kkagonalu griehi ta' din is-severita'.

Illi fid-dawl ta' dan kollu jidher li hemm kuntrast bejn it-tezi tal-prosekuzzjoni u dak li jirrizulta mill-assjem tal-provi, inkluz dawk imressqa mid-difiza.

Il-Qorti ghalhekk ma jista' jkollha qatt is-serhan tal-mohh jekk id-daqqa li wasslet ghall-griehi fatali tal-vittma kinitx b'rizultat ta' xi att kommess mill-imputat waqt li kien ghadu fil-karozza, jew jekk kienx rizultat ta' waqgha li garrab il-vittma b'mod ghal kollox indipendenti minn xi kuntatt li seta' kellu mal-imputat.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar in-nuqqas tal-pulizija li attendiet ix-xena tal-incident u naqset serjament milli taghmel il-verifiki kollha necessarji, inkluz li tnizzel u konsegwentement tharrek b'xhieda lil dawk il-persuni kollha li kienu prezenti ghall-incident jew li setghu jitfghu dawl fuq dak li gara. Mill-filmat jidher car li kien hemm numru ta' nies li waqfu u ohrajn li taw ghajnuna u assistenza lill-vittma. Illi l-

prosekuzzjoni kellha l-beneficcju ta' hames snin sabiex tressaq l-provi taghha u minkejja dan iz-zmien kollu ma ghamlitx l-indagni kollha mehtiega sabiex jinstabu u jigu mitkellma dawk in-nies li kienu prezenti. Kellha tkun id-difiza, minflok, li fil-hin tal-provi taghha li tressaq hi stess dawn il-provi.

Illi mill-provi li tressqu specjalment wara li din il-Qorti kellha l-beneficcju tisma' z-zewg xhieda okulari u tara l-filmati esebiti jidher li hemm divergenza sostanzjali bejn it-tezi tal-prosekuzzjoni u dik tad-difiza. Din tal-ahhar, pero', tinsab assodata bix-xhieda taz-zewg min-nies li kienu prezenti meta sehh l-incident jew imqar, ftit wara li sehh.

L-unika prova li ressqet il-prosekuzzjoni, u lanqas hija prova diretta, kienet dik tal-qraba tal-vittma, li pero' ma kienux prezenti meta sehh l-incident u fil-Qorti setghu biss jirrepetu dak li semghu minghand nies ohra mhux maghrufa. B'hekk dik il-parti tax-xhieda taghhom ghandha, ghall-finijiet tas-sustanza taghha, titqies bhala *hearsay evidence*.

Naturalment mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li toqghod tfittex jew timmagina hi l-provi li setghu saru jew ma sarux f' dan il-kaz u l-Qorti trid biss tiggudika fuq il-provi li ngabu quddiemha f'dan l-istadju w xejn aktar. *Quod non est in actis, non est in mundo*.

Minn dak li hemm fl-atti, jirrizulta li hemm kunflitt ta' provi dwar kif gew kagonati l-griehi fuq Victor Refalo. Barra minn hekk, fuq nuqqas ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni kemm dwar l-*actus reus* u dwar kif sehh l-incident, il-Qorti hija nieqsa mill-possibilita li tiddeduci jew tinvestiga l-*mens rea* ta' l-imputat skond ir-rekwisti tal-ligi kif diga spjegati aktar 'il fuq.

Lanqas il-provi forensici u x-xhieda tat-tobba u tal-ispecjalista ma jindikaw x'kienet ir-raguni li fattwalment ikkagonat l-emorragija u jekk din kinitx kawza ta' azzjoni attribwibbli lill-imputat jew saritx b'mod iehor.

Fid-dawl ta' nuqqas ta' provi cari mill-prosekuzzjoni u dan iktar u iktar meta imqabbla mal-provi diretti mressqin mid-difiza li jitfghu dawl fuq storja differenti, necessarjament iwassal sabiex jispicca l-element ta' dubju ragonevoli dwar kif verament graw l-affarijiet u x'kien jew ma kienx ezatt l-involviment ta' l-imputat.

Ghaldaqstant minn dak li ezaminat il-Qorti, wara li qieset ix-xhieda moghtija u ezaminat id-dokumenti ma tarax li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi b'tali mod li l-Qorti tista' tasal ghal decizjoni li hija *safe and satisfactory*. Ghaldaqstant din il-Qorti serja biex tillibera lill-imputat mill-akkuzi li tressqu kontrih.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 218(1)(a), 220(1)(2), 338(dd), 17, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Joseph Muscat **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

Fil-konfront tat-talba tal-prosekuzzjoni fir-rigward l-artikolu 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet stante li gie liberat minn dawk l-imputazzjonijiet relatati ma dawn it-talbiet.

**Moghtija illum nhar id-9 ta' Dicembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**